MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 400/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-7 t’April, 2008, ghall-habta ta’ 17.50 hrs, fi Triq San Nikola, Cospicua :-

1. waqt li kien qed isuq “Quad Bike” naqas li jilbes il-“crash helmet”;
2. saq l-imsemmi “Quad Bike” fit-triq minghajr ma kien registrat ma l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;
3. saq l-imsemmi “Quad Bike” minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni;
4. saq l-imsemmi “Quad Bike” minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmi mutur;

5. kif ukoll saq l-imsemmi “Quad Bike” meta ma kienx kopert bil-Polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 t’Ottubru , 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 123(2) tal-A.L. 128/1994, ir-Regolamenti 3, 32 u 51(7)(a) u 51(7)(d) tal-A.L. 476/2004 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu piena ta’ €46 ammenda, tat-tieni akkuza w ikkundannatu piena ta’ €116 multa, tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghal piena ta’ €116 multa, r-raba’ akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni w tal-hames akkuza wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu ghal piena ta’ tlett (3) xhur prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Il-qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-erba’ imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w tilliberah minn kull piena inkluza l-ordni ta’ l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan u fin-nuqqas tirriformaha billi tinfliggi piena aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu, fis-segwenti w cioe’ :-

1. illi sabiex l-appellant kellu jinstab hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kellu jigi pruvat mill-prosekuzzjoni illi l-appelant kien fil-fatt qieghed isuq vettura bil-mutur, kif jirrikjedi l-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-provi li gew prodotti mill-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu biss filli fis-7 t’April, 2008 l-appellant kien qieghed isuq “quad bike” fi Triq San Nikola, Bormla. Il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jaghtix definizzjoni ta’ “quad bike” izda jaghti defizzjonijiet ta’ vetturi ohra. Fil-fatt it-terminu “quad bike” fil-Kap. 65 u fis-“subsidiary” legislation 65.26 ma jezistix u kwindi l-appellant kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni w htija. Galadarba ma giex pruvat illi “quad bike” huwa fil-fatt vettura, w vettura bil-mutur, kif jirrikjedi l-istess Kap. 65, l-ebda imputazzjoni ma kellha tirrizulta fil-konfront ta’ l-appellant;
2. illi f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, l-iskwalifika tal-licenzja ghal perjodu ta’ tnax-il xahar skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ma kienitx wahda indikata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u jekk kienet, hija tassew esagerata.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-*quod bike* in kwistjoni kien qed jigi uzat go triq pubblika w cioe' Triq San Nikola, Bormla w li kien misjuq mill-appellant. L-appellant pero' qed jargumenta li ma kienx hemm l-obbligu li l-*quod bike* ikun licenzjat u lanqas li jkun kopert b' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65 jiddisponi li huwa reat li wiehed isuq *motor car* jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew *motor car* jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, hlief fil-kaz ta' *bicycle.*

L-artikolu 2 tal-Kap.65 jiddefenixxi *"motor car"* bhala **<u>vettura immexxija b' forza mekkanika</u>** w *"vettura"* bhala kull xorta ta' karozza, karozzin, karettun migbud minn bhima, trucks, motor car, omnibuses, <u>jew mezz iehor ta'</u>

trasport ta' kull xorta jew ghamla mahsub ghat-trasport ta' nies, kadavri jew hwejjeg, izda ebda dispozizzjoni tal-Ordinanza jew ta' xi regolament maghmul tahtha ma ghandha tapplika ghal xi karettun migbud minn bhima kemm il-darba il-Ministru ma jaghmilx regolamenti li jestendu dawk id-dispozizzjonijiet b' mod li jkunu wkoll japplikaw ghalihom. (sottlinear ta' din il-Qorti)

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Edward Anthony Schembri"** [9.8.2007] minn dan jidher li l-unici "motor cars" u vetturi li jidhru ezenti mill-htiega ta' licenzja huma l-bicycles u karettuni migbuda minn bhima. Ma jidhirx ghalhekk li hemm xi ezenzjoni fil-kaz ta' *quod bikes.*

Issa ma hemmx dubju li *quod bike* huwa vettura li tahdem b' mod jew b' forza mekkanika w fuqha ikun hemm xufier li jsuqha bhal kull vettura ohra.

Ikkonsidrat;

Illi umbaghad l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 jiddisponi li hadd ma jista juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik tal-persuna l-ohra skond il-kaz ma tkunx issehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Umbaghad l-artikolu 2 tal-Kap.104 jiddefenixxi *"Vettura bil-mutur"* bhala kull vettura mahsuba biex tivvjagga fuq l-art u li tkun immexxija b' forza mekkanika imma li ma timxiex fuq il-binarji u wkoll trailer akkoppjat ma mutur (sottolinear ta' din il-Qorti)

Bla dubju *quod bike* hu vettura bil-mutur li tivvjaggja fl-art u hija immexxija b' forza mekkanika. Ghalhekk jekk *quod bike* jintuza fi triq, irid ikollu polza ta' asskurazzjoni skond il-ligi.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz in ezami l-*quod bike* in kwistjoni kien suppost licenzjat biex ikun fit-triq u suppost ukoll li kellu kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni.

Rrizulta pero' li l-*quod bike* la kellu wahda w lanqas l-ohra. Ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrizultaw pruvati.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament eccessiva.

Illi certament li kemm il-piena karcerarja (sebbene sospiza f’ dan il-kaz) inflitta fuq l-appellant ghall-hames imputazzjoni kif ukoll is-sospensjoni w skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan huma entro dak preskritt mill-ligi. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti erogat il-piena ta’ sentenza karcerarja sospiza proprju biex ma tikkundannax lill-appellant ghall-piena pekunjarja minima ta’ Euro 2329.37 ekwivalent ghall-LM1000, mandatorja skond l-artikolu 3 (2) (a) tal-Kap.104. Umbaghad skond l-artikolu 3 (2A) il-Qorti, f’ kaz ta’ sejbien ta’ htija, trid tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax il-xahar mid-data li jkun misjub hati.

Pero’ l-istess sub-artikolu jiddisponi ukoll li l-Qorti ghal ragunijiet specjali tista’ tikkonsidra li tordna mod iehor.

Issa stante n-novita’ tal-kaz in ezami w peress li l-appellant seta’ genwinament kellu l-impressjoni li *quod bikes* ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta’ asskurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament billi din il-Qorti qed tvarja w tirriforma s-sentenza appellata li qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana biss pero' li l-periodu tas-sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan tal-

appellant qed jitnaqqas minn wiehed ta’ tnax il-xahar ghal wiehed ta’ xahar li jibda' jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------